# L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

## DIRETTIVI RIGWARD MIŻURI TA' PREVENZJONI TA' TIXRID TAL-IMXIJA TAL-COVID-19 MILL-11 TA' MARZU SAL-11 TA' APRIL 2021

### 1. INTRODUZZJONI

1.1 L-Isqfijiet qed joħorġu dawn id-direttivi bi qbil mal-awtoritajiet tas-saħħa.

### 2. APPLIKABBILTÀ

2.1 Dawn il-miżuri huma fis-seħħ mill-11 ta' Marzu sal-11 ta' April 2021.

2.2 Ksur ta' dawn il-miżuri jista' jipperikola s-saħħa pubblika.

### 3. NOTI ĠENERALI

3.1 M'għandha ssir ebda attività miftuħa għall-pubbliku, inkluż attivitajiet reliġjużi, għajr dawk stipulati f'dawn id-direttivi.

3.2 Il-knejjes jistgħu jibqgħu miftuħa għall-qima tal-pubbliku u jista' jkun hemm Ġesù espost. M'għandux ikun hemm talb komunitarju organizzat għal dawk li jattendu, inkluż il-barka sagramentali.

3.3 Waqt li l-knisja tkun miftuħa għandu jkun hemm min jara li kull min jidħol ma jkollux temperatura ta' 37.2°C jew għola, japplika sanitiser u jara li ma jinqabiżx in-numru massimu ta' persuni permissibbli fil-knisja (persuna għal kull 4 metri kwadri).

3.4 Dawk li jitolbu li jirċievu l-Ewkaristija jistgħu jitqarbnu. Madankollu m'għandux ikun hemm mument għat-tqarbin organizzat.

3.5 Is-sagrament tal-qrar jista' jibqa' jiġi amministrat kemm-il darba jibqgħu jinżammu l-miżuri stabbiliti.

### 4. QUDDIES

4.1 M'għandux isir quddies miftuħ għall-pubbliku minbarra dawk stipulati f'punti numru 5 u 6 ta' dawn id-direttivi. Madankollu, is-saċerdot jista' jqaddes fil-privat.

4.2 Waqt li l-quddiesa tkun qed tiġi ċċelebrata fil-privat, il-knisja għandha tinżamm magħluqa u ma jkunx hemm pubbliku fil-knisja.

4.3 Jista' jsir quddies li għalihom ikunu preżenti biss membri ta' komunità li jgħixu flimkien.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

## 5. FUNERALI

5.1 Il funerali jistgħu jsiru bil-quddiesa meta dawn ikunu *preasente cadavere*.

5.2 Il-funerali għandhom isiru b'osservanza stretta tal-miżuri kollha stipulati għall-quddies u b'numru ristrett ta' nies.

5.3 Il-kapaċità massima ta' dawk li jattendu m'għandiex tkun aktar minn persuna waħda għal kull erba' metri kwadri tal-ispazju tal-knisja u mhux aktar minn mitt (100) persuna inkluż is-saċerdoti u dawk li qed jagħtu servizz. Biex dan jitħares għandhom jinħarġu biljetti minn qabel biex jitqassmu minn tal-familja. Nies mingħajr biljett m'għandhomx jitħallew jidħlu.

5.4 Kif tintemm il-quddiesa joħorġu s-saċerdot, it-tebut, u dawk li ħa jakkumpanjaw il-korteo għaċ-ċimiterju. Il-kumplament tan-nies preżenti għall-quddiesa għandhom joħorġu mill-knisja ġaladarba l-korteo jkun telaq u ma jiqfux jitkellmu bejniethom.

## 6. ŻWIĠIJIET

6.1 Iż-żwiġijiet jistgħu jsiru b'osservanza stretta tal-miżuri kollha stipulati għall-quddies, u b'numru ristrett ta' nies.

6.2 Il-kapaċità massima ta' dawk li jattendu m'għandiex tkun aktar minn persuna waħda għal kull erba' metri kwadri tal-ispazju tal-knisja u mhux aktar minn mitt (100) persuna li jinkludu l-għarajjes, ix-xhieda, u l-persuni l-oħra li jassistu lill-għarajjes. Biex dan jitħares għandhom jinħarġu biljetti minn qabel biex jitqassmu minn tal familja. Nies mingħajr biljett m'għandhomx jitħallew jidħlu.

## 7. MAGĦMUDIJIET

7.1 Rigward talbiet biex is-sagrament tal-magħmudija jigi amminstrat lit-trabi, inħeġġu lill-ġenituri li dan ir-rit jiġi ċċelebrat mal-qraba u l-komunità parrokkjali. Dan jista' jseħħ kemm-il darba s-sagrament jiġi ċċelebrat wara l-11 ta' April 2021.

7.2 Madankollu, jista' jkun hemm każ fejn il-ġenituri ma jħossux li jkun opportun li wieħed jistenna li jgħaddi dan iż-żmien biex issir il-magħmudija. F'dawn il-każijiet għandu jsir biss ir-rit tal-magħmudija (mingħajr il-quddiesa jew liturġija tal-Kelma). Fil-knisja għandu jkun hemm biss is-saċerdot, it-tarbija, il-ġenituri u ħut it-tarbija, u l-parrini. Bħala prevenzjoni, ir-rit ma għandux jieħu fit-tul.

7.3 Mons. Arċisqof qed jiddispensa mis-simboli tar-rit tal-Effatah, jiġifieri, is-saċerdot ma għandux jagħmel is-sinjal tas-salib fuq il-widnejn u l-fomm tat-tarbija.

7.4 Infakkru li hu importanti ħafna li anki f'dawn iż-żminijiet jibqgħu jiġu osservati l-proċeduri rikjesti tas-soltu.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

## 8. UFFIĊĊJU PARROKKJALI

8.1 L-uffiċċju parrokkjali jista jibqa' jinfetaħ għal servizzi essenzjali biss.

8.2 Hu rakkomandat li s-servizzi jingħataw permezz ta' appuntament.

8.3 Għandha tingħata l-opportunità li wieħed jinqeda permezz tat-telefown, imejl jew mezzi elettroniċi oħra.

8.4 Għandu jiġi evitat li persuna tintbagħat minn uffiċċju parrokkjali għal ieħor.

8.5 Għandhom jibqgħu jiġu osservati punti 4 u 5 tal-linji gwida għall-prevenzjoni ta' tixrid tal-imxija tal-COVID-19 fl-operat tal-uffiċċji parrokkjali u gruppi parrokkjali.

## 9. TQARBIN TAL-MORDA

9.1 Tqarbin tal-morda fid-djar għandu jibqa' sospiż ħlief f'każijiet fejn il-kundizzjoni medika tal-persuna tkun kritika jew fejn persuni jqarbnu nies fl-istess household/cluster tagħhom.

**11/03/2021**